QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.

Att ta' Akkuża numru 14/2018

Ir-Repubblika ta' Malta
kontra
JONATHAN ROGER PORTELLI

Illum 1 ta' Marzu 2022

Rat l-att tal-akkuza numru 14 tas-sena 2018 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Jonathan Roger Portelli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 32782(G), fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** ddeċieda xjentement u illegalment li jibda' jbiegħ jew xort'oħra jittrafika r-raza meħuda mill-pjanta Kannabis;

Illi, bejn it-tmienja (8) u d-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ġewwa Marsalforn, Għawdex, fil-kors ta' investigazzjonijiet kondotti mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga ġie mwaqqaf ċertu Joseph Grech, fejn fil-vettura tiegħu kienet instabet blokka raza tal-kannabis li kienet tammonta għal madwar wieħed punt tnejn (1.2) grammi kif ukoll kienet instabet blokka oħra raza tal-kannabis fuq il-persuna tal-passiġier fl-istess vettura – ċertu Settembru Grech – liema blokka kienet tammonta għal madwar sebgħa (7) grammi;

Illi, sussegwentement kienet saret tfittxija ġewwa r-residenza ta' l-istess Joseph Grech fejn instabu diversi blokok suspettati raza tal-kannabis. Minn stħarriġ kimiku fuq dawn l-istess blokok, irrizulta li dawn kienu filfatt id-droga raza tal-kannabis, kontenenti s-sustanza tetrahydrocannabinol fl-ammont nett totali ta' tlett mija, wieħed u għoxrin punt tmienja u tletin (321.38) gramma b'purita ta' sitta punt ħamsa fil-mija (6.5%);

Illi, sussegwentement, Joseph Grech ġie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa rrilaxja stqarrija li huwa umbagħad għazel li jiġġuramenta. Joseph Grech stqarr li din id-droga li nstabet kien xtraha dik il-ġimgħa stess mingħand l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** magħruf bħala '*Lingi*'. Joseph Grech spjega ukoll kif l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** kien staqsih jekk jitħajjarx jixtri sapuna kannabis mingħandu u minn naħa tiegħu Joseph Grech kien irrisponda fl-affermattiv. Infatti, Joseph Grech kien ħallas lill-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** l-ammont ta' elf u ħamsin (1,050) Ewro u l-istess **Jonathan Roger Portelli** kien ipprokuralu d-droga rikjesta. *In oltre*, Joseph Grech stqarr li din ma kinitx l-ewwel darba li huwa xtara d-droga kannabis mingħand l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli**. Jgħid li huwa kien xtara mingħandu madwar tlett (3) darbiet oħra, fejn darba kien ħallas mitejn u għoxrin (220) Ewro għal blokka ta' madwar ħamsa u għoxrin (25) grammi u darbtejn kien ħallas inqas minn sittin (60) Ewro għal zewġ biċċiet izgħar minn għaxar (10) grammi -l waħda;

Illi, l-investigazzjonijiet tal-Pulizija komplew għaddejjin;

Illi, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), saru tfittxijiet ġewwa r-residenza ta' ċertu Christopher Bartolo ġewwa l-Fontana, Għawdex, fejn instabu sitt (6) blokok suspettati raza tal-kannabis. Minn stħarriġ li sar fuq dawn l-istess blokok irrizulta li dawn kienu filfatt id-droga raza tal-kannabis, kontenenti s-sustanza tetrahydrocannabinol, fl-ammont nett totali ta' mija, sebgħa u sittin punt tnejn u ħamsin (167.52) gramma b'purita' ta' tmienja fil-mija (8%);

Illi, in segwitu għal tali sejba, Christopher Bartolo ġie mitkellem mill-Pulizija fejn irilaxxja zewġ stqarrijiet li sussegwentement huwa għazel li jiġġuramenta. Huwa stqarr li kull blokka raza tal-kannabis li nstabet għandu kellha piz ta' ċirka tmienja u għoxrin (28) gramma u li kien xtraha bejn xahar u nofs jew xahrejn qabel għall-prezz ta' elf (1,000) Ewro, u dana mingħand l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli**, magħruf bħala "*Lingi*". Huwa kompla jistqarr li kien ilu jixtri id-droga raza tal-kannabis mingħand l-akkuzat għall-aħħar sena u xahrejn u li dejjem kien jixtri sapuna sħiħa, ta' madwar mitejn u ħamsin (250) gramma u li kien iħallas elf (1,000) Ewro għaliha. *In oltre*, Christopher Bartolo stqarr li huwa kien jixtri d-droga raza tal-kannabis mingħand l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** ċirka kull xahar;

Illi, *in vista* ta' din l- informazzjoni mogħtija lill-Pulizija minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, il-Pulizija Ezekuttiva kompliet bl-investigazzjonijiet tagħha a rigward, u nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), saret tfittxija fir-residenza ta' **Jonathan Roger Portelli** ġewwa l-Munxar, Għawdex, fejn instabu diversi oġġetti konnessi mad-droga, inkuz blokok zgħar ta' sustanza suspettata raza tal-kannabis;

Illi, minn stħarriġ kimiku li sar fuq dawn l-istess blokok suspettati raza tal-kannabis, ġie kkostatat li dawn kienu filfatt raza tal-kannabis, konteneti s-sustanza tetrahydrocannabinol, fl-ammont nett totali ta' sitta punt tlieta u disgħin (6.93) gramma;

Illi d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi **Jonathan Roger Portelli** sar hati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi **Jonathan Roger Portelli,** ħati, talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat **Jonathan Roger Portelli**, u illi jiġi kkundanat għall-piena ta'

priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċentezmu (116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3BA), (7), 22A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u z-zmien hekk kif imsemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, u *in vista* ta' l- informazzjoni mogħtija lill-Pulizija minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, komplew l-investigazzjonijiet da parti tal-Pulizija Ezekuttiva a rigward u filfatt nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), saret tfittxija fir-residenza ta' **Jonathan Roger Portelli** ġewwa l-Munxar, Għawdex, fejn instabu, fost affarijiet oħrajn, is-segwenti oġġetti:

- Filtru ta' sigarett li kien fih trab kannella suspettat li kienet id-droga kannabis;
- Blokka suspettata raza tal-kannabis;
- Blokka imdawra bil-foil suspettata raza tal-kannabis;
- Diversi pakketti libretti;

Illi, wara stħarriġ kimiku li sar fuq dawn il-blokok suspettati raza tal-kannabis, ġie kkonstatat li dawn kienu filfatt raza tal-kannabis li kienet tikkontjeni is-sustanza tetrahydrocannabinol, f'ammont nett totali ta' sitta punt tlieta u disgħin (6.93) gramma;

Illi, l-istess **Jonathan Roger Portelli**, fl-istqarrija rrilaxata minnu, kien stqarr mal-Pulizija li dawn il-mediċini perikoluzi kienu ilhom fil-pussess tiegħu madwar sitt xhur;

Illi, jidher biċ-ċar, miċ-ċirkostanzi li fihom instabet, kif ukoll minn l-informazzjoni rrilaxxata minn Joseph Grech u Christopher Bartolo, illi din is-sustanza perikoluza (kemm dik li nstabet fir-residenza tiegħu kif ukoll dik li huwa kien biegħ lil Joseph Grech u lil Christopher Bartolo) ma' kinitx intiza ghall-uzu personali ta' l-akkuzat, izda kif spjegat fil-Kap precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, kienet intiza sabiex tigi ttraffikata fil-gzejjer ta' Malta u Għawdex;

Illi, id-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi, b'għemilu, l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** sar ħati talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi **Jonathan Roger Portelli** hati talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, **kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Kannabis** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzat **Jonathan Roger Portelli,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija ghal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċentezmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmija akkuzati.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-ahhar Kap ipremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u z-zmien hekk kif imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuza, l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli,** wara li saret tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu ġewwa l-Munxar, Għawdex, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), volontarjament irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija fejn, fost oħrajn, stqarr li huwa jagħmel uzu mid-droga Kannabis, u dana għall-uzu personali tiegħu;

Illi, huwa stqarr ukoll li jpejjep id-droga Kannabis b'mod regolari, senjatament meta jkollu aptit jagħmel hekk;

Illi, d-droga Kannabis u kull estratt jew tintura tagħha, jew raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza hija kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u *in oltre* l-akkuzat **Jonathan Roger Portelli** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

Illi, b'għemilu l-imsemmi **Jonathan Roger Portelli** sar ħati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu

dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi **Jonathan Roger Portelli**, ħati talli, nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, **kellu fil-pussess tiegħu** (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), **il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raza meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza**, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22, 8(a), 8(d), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Jannar, 2022 fejn ecepixxa s-segwenti:

'Illi l-akkuzat Jonathan Roger Portelli qiegħed jiġi akkuzat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tar-raża meħuda mill-pjanta kannabis skont l-att tal-akkuża numru 14/2018;

Illi xhud principali tal-prosekuzzjoni Christopher Bartolo qiegħed akkuzat fi proceduri separati fuq l-istess fatti li huma wkoll mertu tal-kaz odjern;

Illi l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Christopher Bartolo għandhom m'humiex konkluzi u minkejja illi waslu fi stadju avvanzat senjatament fl-istadju tal-appell, dawn għadhom ma ntemmewx u għaldastant ai termini tal-ligi nostrana, Christopher Bartolo għadu meqjus bħala ko-akkuzat ta' Jonathan Roger Portelli u għalhekk dan ix-xhud huwa f'dan l-istadju prekluz mill-ligi milli jixhed fil-proceduri kontra l-akkuzat Jonathan Roger Portelli;

Illi jingħad hawnhekk illi l-proceduri kontra Christopher Bartolo għadhom ma ntemmewx mhux minħabba li l-esponent kaxkar saqajh, naqas jew għaliex fadallu jagħmel xi ħaġa. Fil-fatt fil-proceduri 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Christopher Bartolo (Ammissjoni Numru 8/2014) diga ngħatat sentenza mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April 2017 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok A). Pero' din is-sentenza giet appellata minn Christopher Bartolo u l-appell, għalkemm appuntat, jinsab pendenti u għadu ma giex deciz peress illi fil-mori tal-appell giet intavolata kawza kostituzzjonali minn naħa tal-appellant Christopher Bartolo u sussegwentament giet intavolata wkoll talba għall-interim measure sabiex twaqqaf l-appell kriminali milli jkompli jinstema sakemm jigu konkluzi l-proceduri kostituzzjonali. Din it-talba giet milqugħa permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Dicembru, 2020 konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Gunju 2021 (kopja tad-decizjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali rigward it-talba tal-interim measure

annessa u mmarkata bhala Dok B) u ghaldaqstant il-proceduri kriminali qeghdin jistennew l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali qabel ma jissokktaw. L-esponent jirrileva wkoll illi apparti l-proceduri kostituzzjonali ohrajn dwar l-istess kawza kriminali, liema proceduri gew decizi definittivament permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 5 ta' Ottubru 2018. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrileva illi certament illi hu ma kellu ebda kontroll fuq meta kienu ser jigu konkluzi l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Christopher Bartolo;

Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi prezentament il-kawza kostituzzjonali ntavolata minn Christopher Bartolo li ghadha pendenti, qeghda fl-istadju ta' appell u tinsab differita ghat-trattazzjoni ghat-13 ta' Jannar 2022 (vide zewg verbali annessi u mmarkati bhala Dok C) ghaldaqstant ma ghadx fadal wisq sabiex dawn il-proceduri jkunu konkluzi u l-appell kriminali jkun jista' jitkompla;

Illi mill-atti jirrizulta illi Christopher Bartolo huwa xhud important hafna ghall-prosekuzzjoni u dan peress illi huwa jixhed dwar ammonti konsiderevoli ta' droga illi hu kien jixtri minghand l-akkuzat Jonathan Roger Portelli u l-prosekuzzjoni ma ghandha ebda xhud iehor ta' dan it-tip. Ghalhekk sabiex tigi salvagwardjata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, huwa krucjali ferm li Christopher Bartolo jkun f'pozizzjoni li jixhed;

Illi inoltre l-esponeti tissottometti li huwa l-Avukat Generali nnifisha li ghandha d-diskrezzjoni dwar kif ghandha tigi mmexxija l-prosekuzzjoni u dwar liema xhieda jigu prodotti f'liema sekwenza. Huwa ta' importanza vitali li l-Avukat Generali ma tigix imqieghda f'pozizzjoni fejn ikollha tirrinunzja ghal dan ix-xhud daqstant krucjali;

Illi l-esponenti mhux qeghda tghid dan b'mod frivolu jew biex ittawwal iz-zmien inutilment, izda b'responsabbilta' kbira ghall-ahjar interess tal-gustizzja u sabiex jigi accertat li fil-fatt issir din il-gustizzja.

Illi l-esponenti taghmel referenza ghad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004 innumerat 4/2004 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella*** per Imhallef Joseph Galea Debono. F'dan id-digriet il-Qorti Kriminali ordnat li l-guri ta' Brian Vella jigi xolt u dan minhabba l-fatt illi x-xhud Dominic Bonnici li kien akkuzat bl-istess reati bhall-akkuzat, kien ghadu m'ghaddiex proceduri, u ghalhekk ma kienx xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkuzat ai termini tal-Kodici Kriminali: "persuna li tkun akkuzata kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma, u sia jekk tkun akkuzat fil-proceduri separati";

Illi fl-ahharnett l-esponenti taghmel referenza wkoll ghad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif preseduta tat-13 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi***, fejn il-Qorti kienet ddecidiet rikors simili ghar-rikors odjern. F'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti cahdet it-talba, il-Qorti kienet taghat ir-ragunijiet ghaliex kienet qed tichad u x'messu ghamel l-Avukat Generali biex jevita s-sitwazzjoni illi sab ruhu fiha. Fil-kaz odjern ma hemm xejn li seta' jsir minn naha tal-Avukat Generali sabiex jevita s-sitwazzjoni illi jinsab fiha;

Illi ghalkemm qabel ma jigi appuntat il-guri l-Avukat Generali qeghda taghmel din it-talba;

GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob li l-guri fl-ismijiet premessi jigi sospiz u jintbaghat sine die u dan sakemm jintemmu l-proceduri kontra Christopher Bartolo sabiex l-istess xhud Christopher Bartolo jkun f'pozizzjoni li jixhed f'dawn il-proceduri fl-ismijiet premessi.'

Rat il-verbal taghha data il-11 ta' Jannar, 2022 fejn il-Qorti akkordat terminu sat-8 ta' Frar, 2022 sabiex l-akkuzat iwiegeb ghar-rikors tal-Avukat Generali datat l-4 ta' Jannar, 2022.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet nhar it-8 ta' Frar, 2022 fejn brevement l-Avukat Generali baqghet isostni dak diga ritenut fir-rikors taghha u enfasizzat illi jekk din il-Qorti ma kienitx sejra tilqa' ir-rikors taghha, l-Avukat Genetrali ser tkun sprovvista mix-xhud principali taghha. L-akkuzat oppona ghat-talba ta' din tal-ahhar u cioe' li l-guri jigi sospiz u jintbghat sine die. Hu enfasizza illi l-procedura mhux qeghda hemm biss sabiex takkomoda l-Avukat Generali, ghax fil-proceduri penali hemm zewg partijiet, kemm l-Avukat Generali, kif ukoll l-akkuzat. Sostna illi l-process ilu pendenti ghal seba' snin u erba' xhur.

L-akkuzat tenna illi din il-kwistjoni ilha tqum u anke quddiem il-Qorti Istruttorja permezz tar-rinviji interminabbli u l-frazi sabiex jixhed ix-xhud Bartolo 'fl-istadju opportun'. Hu enfasizza illi l-istadju opportun ma jiddecidiehx l-Avukat Generali. Sahansitra, hu ccita fol. 230 fejn qal illi l-Qorti ssolecitat l-Avukat Generali biex jiehu pozizzjoni fl-2016 f'dan ir-rigward. Minkejja dan fir-rinviju ta' wara, l-Avukat Generali kien rega baghat rinviju identiku. Fl-2017 il-Qorti Istruttorja espremiet il-preokkupazzjoni u gibdet l-attenzjoni lil Avukat Generali sabiex proceduri ta' droga jitmexxew fi zmien ragjonevoli, minkejja dan kollu hu sostna illi l-Avukat Generali snin wara ghadu jitlob sabiex dan il-guri ma jsirx. F' Settembru 2018 il-kumpilazzjoni giet mitmuma ghax giet pprezentata att t'akkuza.

L-akkuzat ghamel referenza ghal kawzi fl-ismijiet Angelo Zahra vs Avukat Generali u Francis Portelli et vs Avukat Generali fejn quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bdew jinnutaw ir-rinviji kollha 'tisma fi stadju opportun' u d-decizjonijiet kienu li l-Avukat Generali ma jistax jaghmel hekk u ordnat li dan jieqaf u l-kaz jghaddi ghal provi difiza. Tenna li ko-akkuzat jibqa' ko-akkuzat u ghalhekk tapplika r-regola li ma jistghux jixhdu fil-konfront ta' xulxin u mkien fil-kodici ma jindika li kawza trid tieqaf sakemm ilesti ko-akkuzat iehor.

L-akkuzat enfasizza li l-gustizzja ghandha ssir ma kulhadd mhux mal-Avukat Generali biss. Sostna illi l-Att t'Akkuza harget u ghalhekk ghandha ssir gustizzja wkoll mal-akkuzat li hu ntitolat li jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur ikkonkluda billi qal li mhux qed jghid li dan dewmien hu tort tal-Avukat Generali, izda anqas ma kien tort tal-akkuzat.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti wara li evalwat l-atti ta' dawn il-proceduri u semghet il-partijiet jitrattaw jirrizulta illi Christopher Bartolo huwa ko-akkuzat tal-akkuzat odjern u li kontrih jinsabu ghaddejjin proceduri separati. Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea**:[1]

> *"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*
>
> *Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru* ***fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.***
>
> ***Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss***

[1] Decided by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Judicature on the 25th March 2019.

***wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż.*** (enfasi ta' din il-Qorti)

*Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz. Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri, Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi procedure separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta lprocess tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz* ***u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati.*** *Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "****Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella****" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "****Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia****", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

***"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala***

***xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" filveru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separat."***

Ghaldaqstant, huwa zgur illi x-xhud Christopher Bartolo ma jistax jixhed fil-konfront tal-akkuzat f'dan l-istadju tal-proceduri. L-akkuzat, permezz tal-Avukat tieghu, ghamel referenza ghall-Artikolu 439 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sostna illi l-Avukat Generali m' ghandux il-fakulta' li jiddeciedi li ghandha titlesta kawza ta' xi akkuzat partikolari u mhux tal-ko-akkuzat tieghu. Din il-Qorti hawn hekk taghmel referenza ghal dan l-Artikolu li jghid hekk:

*'439. Il-kawżi jinstemgħu kull waħda meta jmissha, skont id-data li fiha jiġu ippreżentati l-atti tal-akkuża:*

***Iżda l-qorti tista', meta tara li hemm raġuni tajba għal dan, tħalli għal darb'oħra, s-smigħ tal-kawża li lilha jkun imiss, u tgħaddi għas-smigħ ta' kawża oħra.'***

Punt iehor imqajjem mill-akkuzat huwa illi dawn il-proceduri ilhom ghaddejjin ghal iktar minn seba' snin u li kien hemm anke rinviji repettitivi sabiex Bartolo jixhed fl-istadju opportun. Hawnhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-digriet taghha datat it-13 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi** fejn qalet is-segwenti:

*'li hafna drabi id-dewmien tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti vesitita bhala Qorti fil-kompetenza Istruttorja tiddependi fil-maggor parti mill-ufficcju tal-Avukat Generali li jezamina l-atti u jibghat ir-rinviji*

*appositi. Pero' diversi drabi din il-Qorti tara li jkun hemm rikjesta ghall-istess xhieda ripetutament u dan ghaliex il-prosekuzzjoni ma tkunx harket tali xhieda u dan kollu qed iwassal ghal dewmien ezagerat. Wasal iz-zmien li r-rinviji ikun iktar specifici u diretti lejn provi li huma importanti fl-andament tal-process u dawk il-provi li m'ghandhomx daqstant import fuq l-ezitu tal-gudizzju ghandhom jithallew ghall-ahhar.'*

Ghalkemm jidher illi fil-kaz odjern kien hemm rinviji repettitivi, fl-2018 inharget l-Att t'Akkuza kontra l-akkuzat. Id-dewmien prezenti ghaldaqstant ma jappartjenix lill-Avukat Generali u dan stante li Bartolo jidher li kien ntavola appell u xi kawzi kostituzzjonali li ghadhom pendenti. Il-guri tal-akkuzat ghadu mhux appuntat u l-Avukat Generali haseb li ghandu jintavola dan ir-rikors. Ghal kuntraju ta' kif gara fil-kaz tar-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi sucitat, fejn rikors simili sar lejliet ic-celebrazzjoni tal-guri, din id-darba l-Avukat Generali ha l-inizjattiva ferm qabel bit-tama li l-guri tal-akkuzat jigi pospost sakemm ikun jista' jixhed Bartolo.

L-akkuzat jenfasizza illi l-gustizzja m'ghandiex issir mal-Avukat Generali biss, izda mieghu wkoll u li hu, wara iktar minn seba' snin intitolat ghal smiegh xieraq. Sahansitra l-Avukat difensur ghamel anke referenza ghal kawzi kostituzzjonali fejn gie deciz illi l-Avukat Generali ma jistax joqghod ikaxkar saqajh u joqghod jaghmel ir-rinviji biex xhud jinstema 'fi stadju opportun'. Madankollu ikkonkluda illi mhux qieghed jghid illi l-pozizzjoni li jinsabu l-partijiet fiha llum hija tort tal-Avukat Generali izda anqas m'hi tal-akkuzat. Din il-Qorti ma taqbilx u thoss illi mhux gustifikat illi akkuzat jibqa' mdendel ghal snin qabel tinghata sentenza fil-konfront tieghu. Madankollu, din il-Qorti zgur mhux il-forum adegwat sabiex jigi deciz jekk kienx hemm xi lezjoni tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq o meno. Ghaldaqstant tkompli sabiex tghid illi vertenzi ta' dan it-tip ghandhom jigu mressqa quddiem il-Qrati Kostituzzjonali sabiex tiddeciedi fuqhom hi.

In vista dak kollu sucitat, din il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-Artikolu 439 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li meta l-Qorti ***'tara li hemm raguni tajba thalli ghal darb'ohra, s-smigħ tal-kawza li lilha jkun imiss, u tghaddi ghas-smigh ta' kawza ohra.*** Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti tara li hemm raguni tajba sabiex thalli ghal darb'ohra s-smiegh ta' din il-kawza u ghalhekk qeghda tilqa' t-talba tal-Avukat Generali, tissospendi l-guri u tibghatu Sine Die sakemm jintemmu l-proceduri kontra Christopher Bartolo sabiex l-istess xhud Christopher Bartolo jkun f'pozizzjoni li jixhed f'dawn il-proceduri.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur